

31995R0356

23.2.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 41/3

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 356/95
tal-20 ta' Frar 1995**

li jemenda Regolament (KE) Nru 3286/94 dwar proċeduri tal-Komunità fil-qasam mal-politika kummerċjali komuni sabiex jiġi assigurat li d-drittijiet tal-Komunità jiġu mħaddma taħt regoli ta' kummerċ internazzjonali, b'mod partikolari dawk li twaqqfu taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 dwar dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi permezz ta' Regolament (KE) Nru 3286/94 ⁽¹⁾, il-Kunsill adotta proċeduri tal-Komunità biex jassigura li l-Komunità teżer-ċita d-drittijiet tagħha taħt regoli internazzjonali ta' kummerċ;

Billi Artikolu 15(2) tar-Regolament (KE) Nru 3286/94 irrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2641/84 tas-17 ta' Settembru 1984 fuq it-tisħiħ tal —politika kummerċjali komuni b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħarsien kontra prassi kummerċjali illeċiti ⁽²⁾;

Billi taħt Artikolu 16(1) dwar dan ir-Regolament (KE) Nru 3286/94 japplika għal proċeduri mibdija wara l-1 ta' Jannar 1995;

Billi huwa għalhekk xieraq li wieħed jemenda Artikoli 15(2) u 16 (1) tar-Regolament (KE) Nru 3286/94 biex jingħad b'mod ċar illi r-Regolament (KE) Nru 3286/94 japplika wkoll għal proċeduri li għadhom pendenti sa nhar l-1 ta' Jannar 1995, imma li dwarhom il-proċeduri ta' inkjestà mill-Komunità kienu ntemmu,

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli b'mod dirett f'kull Stat Membru.

Magħmul fi Brussel fl-20 ta' Frar 1995.

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 3286/94 għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Artikolu 15(2) ikun mibdul b'dan li ġej:

“2. Regolament (KEE) Nru No 2641/84 huwa issa revokat. Referenzi għar-Regolament revokat jiġu meqjusa bħala referenzi għal dan ir-Regolament fejn ikun xieraq”;
2. Artikolu 16 ikun mibdul b'dan li ġej:

“*Artikolu 16*

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

Huwa japplika għal proċeduri mibdija wara dik id-data kif ukoll għal proċeduri pendenti f'dik id-data u li dwarhom proċeduri ta' inkjestà mill-Komunità ikunu ġew mitmuma.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ALPHANDÉRY

⁽¹⁾ ĠU No L 349, tal-31.12.1994, p. 71.

⁽²⁾ ĠU No L 252, tad-29.9.1984, p. 1. Ir-Regolament kif emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 522/94 (ĠU No L 66, ta' l-10.3.1994, p. 10).